QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILE

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:- 1687/00DM

Joanne Pullicino

Vs

Keith Rizzo

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attrici permezz ta' liema talbet l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' mija u disa' u tmenin lira u disa u hamsin centezmu (Lm189.59) rapprezentanti l-kera u l-konsum tat-telefon 381869 li kellha thallas l-attrici lill- Maltacom liema apparat huwa nstallat fil-fond tal-attrici Flt 10, The Block Friars, Star Estate, Bahar ic-Caghaq li kien mikri lill-konvenut, kif ukoll ghall-istess ragunijiet, is-somma ta' erba mija u hames liri (Lm405) rappjentanti l-kera u l-konsum tad-dawl u l-ilma fl-istess fond u erba mitt lira (Lm400) rappjentant danni sofferti mill-attrici fil-fond de quo per konsegwenza ta' hsarat kkagunati mill-konvenut u oggetti nieqsa, kumplessivament disa' mija u erba u disghin lira u disa u hamsin centezmu (Lm994.59).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri bonarja tat-13 ta' Novembru 2000 u tat-18 ta' Dicembru 2000 u bl-imghax sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Keith Rizzo fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi l-ammont riklamat mill-attrici fl-avviz odjern huwa eccessiv, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza.

2 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-21 ta' Novembru 2001 fejn il-konvenut mhux qed jikkontesta d-debitu tieghu fis-somma ta' Lm159.30c il-valur rispettiv ta' TV sett u ritratti li huma dovuti lill-attrici.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghalkemm il-konvenut ipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet u kkontesta t-talba attrici, fid-deposizzjoni tieghu huwa llimita l-kontestazzjoni tieghu ghal dak li jirrigwarda t-twapet, it-'towel holder' u t-tiswija fil-'kitchen cupboards'.

Infatti l-istess konvenut jammetti illi, nonostante l-ittri illi baqghtitlu l-attrici u li jinsabu esibiti, huwa baqa' ma kkonsenjaliex ic-cwievet sakemm l-attrici, tlett (3) xhur wara li skadiet il-lokazzjoni, kellha tisgassa l-bieb principali biex taccedi fil-fond taghha.

Izda meta l-konvenut jikkonferma wkoll illi r-ritratti li gew esibit mill-attrici bhala ritratti veri tal-kundizzjoni li fih halla l-flat tal-attrici, huwa difficli hafna illi wiehed ma jaccettax il-verzjoni tal-attrici ghal dak li jirrigwarda t-'towel holder' u t-twapet.

Ghaldaqstant wara illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll id-dokumenti u l-ircevuti kollha esibiti u l-atteggjament tal-istess konvenut fir-relazzjonijiet tieghu mal-attrici, sid il-kera, u n-nonkuranza tieghu ghal kundizzjonijiet tal-istess ftehim, issib illi t-talba attrici ghandha tigi akkolta fl-aspetti kollha taghha.

Ghaldaqstant qieghdha tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qieghdha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' Lm994.59 (disa' mija u erba u disghin lira Maltin u disa' u hamsin centezmi) bl-imghaxijiet legali b'effett mill-20 ta' Dicembru tas-sena 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut

...................................................

Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia
Dep / Reg
Civil 43